MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 789/2000/1

**Anthony Sammut**

**vs**

**Rita mart Anthony Sammut nee Bugeja**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u tmienja u sebghin (1978) f'Malta, gie iccelebrat iz-zwieg bejn il-kontendenti (DOK. "A") liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz tal-Att bin-numru ta' Iskrizzjoni li jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal;

Illi ukoll li l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ukoll il-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew id-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi dan kollu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-22 ta’ Jannar, 1978 huwa null u bla effett a tenur tal-artikolu dsatax (19) subincizi 1(d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi l-attur talab li l-konvenuta tghid il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi, li iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-22 ta’ Jannar 1978 huwa null u bla effett tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-Zwieg.

2. Taghti kull provvediment opportun fir-rigward tal-minuri ahwa Sammut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 7 tal-process;

Rat il-verbal tat-8 ta’ Novembru 2000.

Ir-rikors tal-attur tal-1 ta’ Dicembru 2000 u d-digriet tal-Qorti tal-10 ta’ Jannar 2001 fejn laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tad-19 ta’ Jannar 2001 a fol 15 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjenti taqbel illi hemm ragunijiet ghal annullament taz-zwieg taghha mal-attur taht l-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) ta' l-Att dwar iz-zwieg, izda minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur, u ghalhekk m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol 16 u 17 tal-process.

Rat il-verbal tal-21 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Dr Edwina Grima biex tigbor il-provi u tirrelata.

Rat in-nota tal-attur tal-10 ta’ Settembru 2001 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess u ta’ Maria Galea (fol 20 sa 31).

Rat in-nota tal-konvenuta tad-19 ta’ Settembru 2001 fejn premezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess (fol 32 sa 36).

Rat il-verbali tal-20 ta’ Settembru 2001, tal-11 ta’ Jannar 2002, tal-5 ta’ April 2002, tal-25 ta’ Gunju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippressjeduta u tat-23 ta’ Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali Dr Edwina Grima halfet ir-rapport u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t’April 2002.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Edwina Grima.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI

Illi l-unici provi mressqa mill-parti kienu jikkonsistu fi tlett affidavits u cioe` wiehed kontenenti x-xhieda ta’ l-attur, iehor ta’ Maria Galea w affidavit iehor, Dokument RS1, kontenenti x-xhieda tal-konvenuta, liema affidavits jirrizultaw debitament innotifikati lill-partijiet.

Illi l**-attur** jixhed u ighid illi huwa iltaqa’ mal-konvenuta fuq il-post tax-xoghol. Dak iz-zmien huwa kellu 23 sena filwaqt illi hija kellha 20 sena. Huwa ighid illi sa fejn jaf, huwa kien l-ewwel *boyfriend* illi kellha l-konvenuta. Ighid illi l-konvenuta mal-ewwel bdiet tinsisti illi huma jizzewwgu malajr u dan minhabba t-trattament illi hija tghid li kienet tircevi minn ghand missierha. L-konvenuta kienet l-uniku tifla fost tlett subien fil-familja taghha u ghalhekk missierha kien l-iktar iddixxiplinat maghha u filwaqt illi lil hutha huwa kien jagevolhom, huwa kien il-hin kollu jikkritikaha w icanfarha. Missierha kien dejjem iwahhal fiha ghal kull haga anke meta it-tort ma kienx ikun taghha izda ta’ hutha. L-attur ighid illi missier il-konvenuta kien ukoll vjolenti maghha billi iwaddbilha oggetti iebsin. Huwa jirrakkonta illi l-konvenuta ghad ghandha marka ta’ ferita tidher fuq wiccha wara incident li kien hemm meta missierha kien waddbilha zarbuna ghal rasha. Kien ukoll igieghlha toqghod gharkubbtejha thares lejn il-gallarija maghluqa ghal hin twil minghajr ma ticcaqlaq. Huwa ighid illi missierha baqa’ jimmaltrattaha b’dan il-mod anke meta hija kienet kibret u lahqet l-eta` taghha.

Illi ftit wara illi l-kontendenti bdew johorgu flimkien, f’okkazzjoni partikolari meta spiccaw mix-xoghol, il-konvenuta ma rieditx tmur lura id-dar u tant hadet kedda illi l-attur hadha ghand ohtu biex hija tikkalmaha. Kien cempel lill-Arcipriet ta’ Bormla ghall-ghajnuna u spjegalu is-sitwazzjoni. Huwa kien wieghdu li kien ser ikellem lil missierha w irrangalhom laqgha mieghu. Kienet wara din il-laqgha illi l-konvenuta regghet marret lura d-dar u dan bl-intervent ta’ l-Arcipriet.

Illi l-inkwiet bejn il-konvenuta u missierha, ighid l-attur, xorta wahda baqa’ u dan anke matul il-hajja mizzewwga taghhom tant illi kemm-il darba hija kienet tieqaf milli tmur izzur il-genituri taghha minhabba dan l-inkwiet ma’

missierha. Hija kienet tinsisti ma' l-attur illi jekk missierha ma jkunx f'posizzjoni jiehu hsieb tieghu innifsu, hija ma kienitx bi hsiebha iddur bih jew izzommu maghha ghalkemm kienet lesta iddur b'ommha.

Illi l-attur ighid illi meta huwa iltaqa' mal-konvenuta, hija ma kellhiex hajja socjali, mix-xoghol ghad-dar u mid-dar ghax-xoghol. Hija ma kellha liberta` ta' xejn. Missierha ma kienx ihalliha tohrog wahedha hlief biex tmur ghax-xoghol, lanqas ghal quddiesa ghaliex kienet tkun akkompanjatha mill-genituri taghha. Dan it-trattament kompla minkejja li hija kellha 20 sena.

Illi minhabba f'dan l-attur ighid illi ftit li xejn kienu johorgu wahedhom bhala koppja ghaliex dejjem kien ikollhom li xi hadd tal-familja taghha maghhom, u dan anke fil-Hdud meta kienu mgieghla jmorru ghand il-familja taghha. Inoltre matul il-gimgha l-attur kien ikun okkupat fix-xoghol u dan peress illi f'hafna granet kien jahdem hinijiet twal mis-6:00a.m. sat-3:00a.m. tal-gurnata ta' wara. Minhabba f'dan huma ftit li xejn kellhom opportunita jitkellmu u jsiru jafu lil xulxin.

Illi l-attur ighid illi il-familja tal-konvenuta ma kienux familja *"close".* Ighid illi xi girien kienu wkoll wissewh illi dawn kienu tip ta' nies li jiggieldu ma' kulhadd. Missier il-konvenuta kien vjolenti maghha u anke ma' ommha, specjalment meta kienet tipprova tipprotegi lill-konvenuta minn xi daqqa u tispicca taqlaghha hija wkoll. Dan l-agir kompla anke wara iz-zwieg u dan peress illi missier il-konvenuta ma kienx jahsibha darbtejn biex igara xi oggett ghal wiccha jekk ommha kienet tghid xi haga li ma kienitx iddoqq ghal widnejh u anke kien jaghtiha xi daqqa sew bis-sieq minn taht il-mejda.

Illi l-attur ighid illi hekk kif bdew johorgu flimkien bhala koppja fissa, l-konvenuta ddecidiet illi ma kellhiex ghalfejn tahdem iktar u ikkapparratu ghaz-zwieg u intefghet b'ruhha u gisimha taghmel il-preparattivi ghaz-zwieg biex kollox ikun lest halli jizzewwgu. Ighid illi huma damu sena u nofs biss gharajjes. Huwa kellu id-dar lesta, izda hija

xorta wahda kienet mghaggla wisq. Ghalhekk ippreparat kollox u hu hallas il-kontijiet.

Illi l-attur ighid illi kien jithassarha, izda f’dak iz-zmien ma irrealizzax illi anke hija kellha karattru abbusiv u ighid illi kieku kien jaf il-karattru veru taghha ma kienx jizzewwigha. Huwa f’dak iz-zmien haseb illi z-zwieg kien pass naturali. Hafna minn hutu kienu diga mizzewwgin u ighid illi ma tantx kellu hazen biex igharaf il-karattru tan-nies. Huwa kien gej minn familja ta’ ghaxra u sebgha minn hutu kienu diga mizzewwgin.

Illi dak iz-zmien ighid illi ma kienx possibbli ghal konvenuta li titlaq mid-dar u tmur tghix ghal rasha, hlief biex tizzewweg u dan minhabba fl-ambjent li fih trabbiet. Inoltre lanqas kellha mezzi biex tghix wahedha ghaliex hekk kif bdiet tohrog ma’ l-attur, hija kienet waqfet tahdem. Ghalhekk iz-zwieg kien l-uniku mezz ghaliha biex tahrab mid-dar. L-attur ighid illi ghalkemm il-konvenuta kienet trabbiet gewwa Bormla, ghamlitielu cara illi hija riedet tghix l-iktar ‘il boghod minn hemm possibbli.

Illi l-attur jirrakkonta illi fil-gurnata tat-tieg missier il-konvenuta kellu *stroke* u dan x’aktarx minhabba l-inkwiet tat-tieg. Ghalhekk kellu jiddahhal l-isptar ghal kura. Huma qattghu il-*honey-moon* l-Isptar St. Luke’s. L-attur ighid illi missier il-konvenuta ma riedix tizzewweg ghaliex riedha tibqa’ d-dar mieghu.

Illi fil-fatt ighid illi hekk kif izzewwgu, missier il-konvenuta dar kontrih u beda juri ghira esagerata. Ighid illi beda ihaddem lil hutha mieghu, izda ghalkemm kien ftiehem il-paga maghhom, huma kienu il-hin kollu ighidu kontrieh. Ighid illi anke ommha kellha din it-tattika u kienet iggelled in-nisa ta’ uliedha ma’ xulxin. Iktar ma beda isir jaf lill-familja taghha, iktar beda jinduna kemm kienu gellieda. Ighid illi l-konvenuta kienet zammet kuntatt ma’ ommha u hutha u kienet idahhalhom fl-affarijiet ta’ bejniethom.

Illi wara z-zwieg il-kontendenti marru ighixu gewwa *maisonette* f’B’Kara li kienet proprjeta parafernali ta’ l-attur. Mill-bidu nett taz-zwieg, l-attur ighid illi l-atteggament

tal-konvenuta lejh tbiddel kompletament. Hija bdiet tghir ghalih u ma setax jiccaqalaq minhabba fiha. Ighid illi sahansitra fl-ewwel gimgha taz-zwieg il-konvenuta kien qajmet plejtu shih ghaliex qalet li sabet maktur ta’ l-attur bil-*lipstick* fuqu. Hija ghalhekk kienet diga bdiet tfittex fl-affarijiet tieghu bl-intenzjoni li tiskopri xi haga hazina. Irrizulta wara illi dan il-*lipstick* kien taghha stess. Huwa ighid li ma setax jifhem ghaliex riedet twahhal fih u iffabbrikat din l-akkuza. L-attur ighid illi huwa bniedem kalm, izda martu ghamlet minn kollox biex irriducietu f’hajja ta’ infern. Issaporta hafna biex izomm il-kwiet. Ighid illi l-konvenuta kienet ghajjura, suspettuza, egoista w irresponsabbli fl-amministrazzjoni tal-flus u tad-dar. Minhabba f’dan tul il-hajja mizzewwga taghhom, il-konvenuta kienet tassoggetta lill-attur ghal tfittxijiet spissi w umiljanti fuq hwejgu, fil-karozza, fid-djarju u anke mal-hbieb u konoxxenzi tieghu. Kienet tinterrogahom u anke tissemmalu fuq it-telefon. Ighid illi qatt ma sabet xejn li jaghtiha ragun, izda xorta kienet tivvinta l-akkuzi kontrieh. Ma kien hemm l-ebda djalogu rispett jew *companionship*. Il-hajja mizzewwga taghhom kienet dejjem mimlija kunflitti. Ighid illi hija kienet egoista u lanqas kienet tiflah tarah jidhaq u jitbissem ghaliex kienet tahtfu u tistaqsieh ghaliex kien qieghed jitbissem. Ma kienitx generusa mieghu u lanqas ma’ uliedhom. Meta madwar hdax-il sena ilu huwa kien qala daqqa ta’ karozza, lanqas kienet marret izzuru gewwa l-isptar dak in-nhar ta’ l-incident. Kien dam gimgha rikoverat u meta hareg kellu juza’ bastun. Dam xi xhur ma jistax jimxi sew u ighid illi l-konvenuta minflok kienet tghadru kient tidhaq bih u twaqqghu ghac-cajt.

Illi bhala mara tad-dar, l-attur ighid illi l-konvenuta ma kienitx issib hin ghal familja. Meta kienet issajjar ma kienitx tipprepara bizzejjed ikel ghal kulhadd u it-tfal kienu il-hin kollu igorru bil-guh. L-attur kien jispicca jaghti l-ikel tieghu lit-tfal u hu imur jixtri *take-away*. Meta kienu jilmentaw hija kienet tghidilhom illi dak biss ippreparat. Kien hemm okkazzjonijiet ukoll meta it-tfal kienu icemplulu biex jixtrilhom l-ikel ghaliex ma kien ikun hemm xejn ippreparat u kien ikollhom il-guh. Il-konvenuta kienet tinqeda hafna drabi bl-ismeat minflok ikel sew.

Illi l-attur ighid illi lanqas fl-amministrazzjoni tal-finanzi ma kienet responsabbli. Il-familja taghha ma kienux finanzjarjament stabbli u hija kienet hadmet biss ghal perijodu qasir u ghalhekk meta izzewwgu hija bdiet tonfoq bla razan. Kienet tixtri minghajr limitazzjoni minghajr ma taghti kaz ghal bzonnijiet tal-familja. Kienet kappriccuza u tixtri oggetti inutli, tant illi meta kienet tiddejjaq minnhom ftit wara kient taghtihom lin-nies. Ighid illi l-infieq kien delizzju taghha.

Illi jghid illi l-konvenuta ma kienitx tahsibha darbtejn biex thalli it-tfal wahedhom id-dar anke minn mindu kienu zghar biex tohrog ghal gurnata shiha ma’ hbiebha.  Lit-tifla iz-zghira kienet thalliha wahedha sa minn mindu kellha tmien snin biex tmur tiddeverti. Anke recentement hija siefret ghal xahar shih u halliet lit-tifla waheda mat-tifla il-kbira. Ighid illi it-tifla il-kbira illum ghandha tmintax-il sena w iz-zghira ghandha tnax. Dan in-nuqqas ghall-attur kien iktar gravi peress illi dan gara matul l-ezamijiet tal-mid-term tat-tifla iz-zghira. Ighid illi anke meta sentejn ilu, it-tifla iz-zghir riedet taghmel l-ezami biex tidhol fl-iskola tal-Junior Lyceum, huwa sar jaf minn ghand it-tifla illi hija ma kienitx marret ghall-ezami izda minflok marret l-iskola u qaghdet tpingi u dan peress illi hasset illi ma kienitx ippreparat bizzejjed biex tghaddi. L-attur ighid illi l-konvenuta ma kienet qaltlu b’xejn minn dan kollu u li kieku kien jaf kien jiehu hsieb jibghat lit-tifla ghall-lezzjonijiet privata biex tipprepara ruhha. Huwa ighid illi b’dan martu urietu illi ma kellhiex responsabbilta fejn jidhol il-futur tat-tfal. Huwa ighid illi minhabba fl-istravaganzi tal-konvenuta, it-tifla iz-zghira taghhom ilha tizbogh xagharha u taghmel il-*make-up* u in-*nail polish* minn qabel ma kellha ghaxar snin bil-konsegwenza illi hija tidher tifla ta’ sittax-il sena. Ighid illi martu qatt ma kellha interess izzomm id-dixxiplina fit-tfal u dan peress illi kienet thallihom johorgu fil-granet ta’ l-iskola u jidhlu id-dar fit-8:00p.m. Ighid illi it-tifla iz-zghira kienet tattendi skola privata sa meta kellha disa’ snin, izda imbaghad fuq decizjoni tal-konvenuta wahedha hija hargitha u bdiet tibghatha skola tal-Gvern ghalkemm huwa kien lest ikompli jhallsilha l-iskola. Lanqas baghtitha ghall-ahhar term li kien diga mhallas. Ikompli ighid illi it-tifla il-kbira ma ghandhiex kwalifiki akkademici u fil-fatt

lanqas ghandha “O” level wiehed. Ighid illi martu qatt ma ghalmithom xejn lit-tfal, lanqas il-valuri.

Illi jikkonkludi illi minhabba fil-karattru taghha, l-konvenuta ma setghetx tibni hajja mizzewwga dejjiema mieghu. Ma kienitx turieh imhabba u rispett u ma kienitx kapaci tiddjaloga u tikkomunika mieghu. L-uniku haga li kienet tinteressaha kienet kemm kellha flus u kemm setghet tonfoq.

Illi jghid illi dan il-karattru taghha hareg mal-ewwel wara iz-zwieg tant illi meta twieldet l-ewwel tifla taghhom, iz-zwieg kien diga imkisser. Kienu diga ilhom zmien twil ighixu fi kmamar separati qabel ma inbdew il-proceduri ghas-separazzjoni fl-1996. Ma kienx bdiehom hu il-proceduri minhabba fit-tfal u kien minflok jizvoga fix-xoghol. Huwa ighid illi l-konvenuta kienet tat it-tort lilu ghaliex kien iqatta’ wisq hin fuq ix-xoghol u kienet tmur ghand ommu u ohtu biex tghid kontrieh. Il-familja tieghu kienu avzawha biex ma titkellmiex hekk quddiem it-tfal, izda hija qalet li riedet taghmel dan apposta.

Illi l-attur ighid illi l-konvenuta bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni fl-1996, meta assigurat ruhha illi hija kienet ser ikollha bizzejjed finanzi minn ghandu u minkejja illi huwa ma kienx qajjem kunflitti, hija kienet ghamlet pressjoni tremenda fuqu. Kienet icempillu kontinwament u twissieh biex ma jindahlilhiex fil-hajja privata taghha anke jekk iddahhal irgiel ohra id-dar u ghalkemm huwa kien dejjem puntwali fil-pagamenti hija xorta wahda kienet ghamlet mandati kontrieh. Huwa jikkonkludi illi fil-hajja mizzewwga huwa kien ihossu qieghed f’morsa u kien jintefa ghall-impenji tieghu tax-xoghol biex jipprova jevita l-inkwiet.

Illi l-attur ressaq bhala xhud lil **Maria Galea** li xehdet permezz tal-procedura ta’ l-affidavit. Din ix-xhud qalet illi hija ilha taf lill-konvenuta u lill-familja taghha ghal bosta snin. Tghid illi kienu saru hbieb u l-konvenuta kienet spiss tilmenta maghha dwar it-trobbija difficli li kellha.

Illi kienet qaltilha illi missierha kien iddixxpilnat hafna maghha u kien ta' spiss jikkritikaha w icanfarha. Tghid illi kien hemm nuqqas ta' affett kbir u l-konvenuta kienet thossha hafna illi missierha kien iwahhal fiha ghal kollox u kien anke ikun vjolenti maghha. Kienet anke semmietilha xi incidenti fejn kien jinfexx fiha w iwaddbilha xi oggetti u kien ghad ghandha marka fuq wiccha meta f'okkazzjoni kien waddbilha oggett ghal rasha. Kienet anke irrakkontatilha illi missierha kien igieghlha toqghod gharrkubtejha fil-gallarija ghal zmien twil ma ticcaqlaqx biex jaghtiha lezzjoni. Tghid illi l-konvenuta ma kellha liberta` ta' xejn u missierha ma kienx ihallieha tohrog hlief meta kienet tmur ghax-xoghol.

Illi tiftakar okkazzjoni meta darba minnhom wara x-xoghol hija ma rieditx tmur lura id-dar tant kemm kienet imdejjqa u anke riedet tahrab minn hemm. Ir-relazzjonijiet ma' missierha kienu hziena hafna tant illi meta telqghet mid-dar kienet tghid illi jekk missierha jigi f'sitwazzjoni fejn ma jkunx jista jiehu hsieb tieghu innifsu, hija ma kienitx lesta ddur bih u zzommu ghalkemm kienet lesta ddur b'ommha. Tghid illi l-eghrusija tal-kontendenti kienet qasira hafna u hi u l-attur ma kienux jiltaqghu spiss peress illi huwa kien jahdem sighat twal.

Illi taf illi wara iz-zwieg il-kontendenti kien ikollhom il-problemi ghaliex hija kienet iddahhal lill-familja taghha hafna fl-affarijiet ta' bejniethom. Tghid ukoll illi l-attur kien jilmenta maghha illi ghalkemm kienet toqghod id-dar, il-konvenuta ma kienitx issib hin ghall-familja. Kienet suspettuza hafna ghal zewgha u kienet tonfoq bla razan. Tghid illi l-attur kien jirrakkontalha illi hija kienet tinqeda bl-ismeat minflok ikel sew. Hija kienet tara li kien hemm il-problemi bejniethom. Taghti l-ezempju ta' meta l-attur kien weggha f'incident tat-traffiku meta tghajritu karozza u l-konvenuta ma marritx izzuru l-isptar mal-ewwel. Tghid ukoll illi l-konvenuta kellha vizzju thalli lit-tfal wahedhom id-dar anke meta kienu zghar. Ta' eta zghira, it-tfal kienu jidhru iktar maturi ghaliex kienet thallihom jizbghu xagharhom, jaghmlu il-*make-up* u in-*nail polish*. Din ix-xhud tghid ukoll illi kienet twaqqgha lil zewgha ghac-cajt mal-hbieb u kienet anke tghid kontrieh.

Illi **l-konvenuta** xehdet ukoll permezz tal-procedura ta' l-affidavit ipprezentat fid-19 ta' Settembru 2001. Hija tixhed u tghid illi iltaqghet mar-ragel fuq il-post tax-xoghol. Tghid illi f'dak iz-zmien huwa kien jahdem bhala *driver*, beda jittantha u spiccaw johorgu flimkien. Il-konvenuta tikkonferma illi hija trabbiet b'hafna dixxipplina min-naha ta' missierha. Hija kienet l-uniku tifla fost tlett subien u ghalhekk huwa kien jehodha bi kbira hafna meta kienet tibda tkellem guvni. Tghid illi huwa kien possessiv u kien jippretendi illi hija toqghod mieghu u ma' ommha biss. Tghid illi missierha kien dam biex accetta lil zewgha specjalment meta induna li kien hemm certu serjeta bejniethom. Fil-bidu tghid illi missierha kien jibghat lil huha iz-zghir jakkompanjhom kull meta kienet tohrog wahedha ma' l-attur. Sussegwentment kien accetta illi huma johorgu wahedhom izda dan fost hafna tergir. Ma kienx ihalliha iddum barra wahedha. Hija tghid illi kienet imdejjqa hafna b'din is-sitwazzjoni ghaliex ghalkemm kienet qieghda tikber, missierha kien ghadu qieghed jitrattaha ta' tifla zghira u ma kellhiex il-liberta`. Minhabba f'dawn ic-cirkostanzi hija hasset illi kien ikun ahjar illi hija tizzewweg sabiex ikollha il-liberta`. L-attur kien qabel ma din id-decizjoni. Ftit xhur wara li kienu bdew johorgu flimkien, tghid illi it-tnjen li huma bdew jippjanaw biex jizzewwgu. Dan peress illi l-atmosfera kienet qed issir ta' tensjoni wisq sabiex huma ikunu jistghu jiltaqghu u hija riedet il-liberta`.

Illi l-konvenuta tkompli tghid illi meta hija ippruvat tkellem lil missierha li riedet tizzewweg lill-attur huwa kien oppona bil-qawwa u ma kienx lest li jaccettah. Tghid illi hija kienet disposta titlaq mid-dar u tibda tghix il-hajja taghha u ghalhekk kellha seba' mitt sena biex titlaq u tizzewweg. Tghid illi l-attur gie f'hajjitha f'mument eccellenti ghaliex kull ma kellha bzonn kienet skuza biex hija titlaq mid-dar. Ghalhekk hija kienet bdiet tezercita hafna pressjoni fuq l-attur sabiex huma jizzewwgu.

Illi ghalhekk meta hija rat illi missierha kien ser jostakola dak illi kienet ippjanat, iddecidiet li turih kemm kienet kbira u matura biex tiehu id-decizjonijiet taghha u ghalhekk

telqghet mid-dar u marret tghix ghand oht l-attur. Tghid illi imbaghad l-attur kien kellem lil Arcipriet u dan kien baghat ghal missierha u wara li tkellmu dwar is-sitwazzjoni, missierha ma kellux ghazla ohra hlief li jaccetta z-zwieg taghha ma’ l-attur.

Illi ll-konvenuta tghid illi ghaliha iz-zwieg kien biss mezz li bih hija setghet tahrab mill-hajja tad-dar fejn kienet tghix. Tghid illi ghalkemm kienet taf x’obbligi iggib maghha il-hajja mizzewwga, izda hija ma qaghditx tqies u tahseb jekk kienitx thobbu verament lir-ragel li kienet ser tizzewweg. Huwa ghaliha kien biss jirrapprezenta l-armi li kellha bzonn sabiex tisfida lil missierha u tahrab mid-dixxiplina li ma setghetx tittolera u tibda tghix hajjitha. Tikkonferma illi l-attur kien l-ewwel gharus serju illi hija qatt kellha ghaliex hija qatt ma kienet tohrog u tissocjalizza. Tghid illi meta saret taf lill-attur, qisu nizel bhal berqa mis-sema u hatfitu. Ghalhekk ghamlet hilitha kollha biex jizzewwgu ghaliex hasbet illi hija ma kienitx ser issib opportunita ohra biex tiltaqa ma’ guvni minhabba fil-karattru ta’ missierha. Hija qalet: *“Jew issa jew qatt!”* Tkompli tghid illi missierha tant kien ha iz-zwieg taghha bil-kbir illi ftit jiem wara it-tieg kienet tatu *stroke* u spicca l-isptar. Kien baqa’ jinsisti maghha sa l-ahhar biex ma tizzewwigx izda hija ghamlet ta’ rasha.

Illi zzewwgu wara sena u nofs u tghid illi hadet hsieb il-preparamenti kollha hi. Missierha ma ikkontribwiex ghall-ispejjez tat-tieg hlief ghall-ispejjez ta’ l-ilbiesi, il-bqija kien hallas kollox l-attur. Hija tghid illi fil-mument tat-tieg hija hassitha ferhana ghaliex fl-ahhar ghaliha kienet akkwistat il-liberta`. Ghaliha dan kien ifisser iz-zwieg.

Illi madankollu, hija tghid illi maz-zmien hija kienet saret thobb lir-ragel taghha u kienet kuntenta tibni familja u tassumi l-obbligi tal-hajja mizzewwga. Tghid illi miz-zwieg huma kellhom zewgt itfal u hija kienet dejjem tiehu hsieb il-familja. L-uniku zmien illi tghid illi hadmet kien meta huma kellhom lukanda u sala tat-tigijiet. Hija kienet iddedikata ghall-familja.

Illi hija tkompli tghid illi ir-ragel taghha qatt ma wera entuzjazmu biex jizzewweg u l-uniku skop kien biex ighinha tohrog mill-habs li kienet tghix fih. Tghid illi lanqas il-preparamenti ghat-tieg ma kienu jinteressawh ghaliex dan iz-zwieg kien qiesu sfida kontra missierha. Hu ried juri lil missierha illi kien kapaci jehodlu it-tifla tieghu ghalhekk kien dispost li ighinha. Izda terga' tghid illi fiz-zwieg lir-ragel saret thobbu ghalkemm tghid illi minn mindu zzewwgu, tista' tghid illi qatt ma kellhom zwieg u dan peress illi zewgha ma kienx dispost jerfa' r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewwga.

Illi tkompli tghid illi fil-bidu taz-zwieg l-attur xorta baqa johrog filghaxijiet u hija kienet tibqa' gewwa wahedha. Hija kienet ghadha qed tiehu gost taghmel dak li kellha aptit taghmel u ghalhekk peress illi hija qatt ma kellha esperjenza ta' zwieg u irgiel, hasbet illi kienet haga normali illi jibqghu ighixu ta' zghazagh aktar milli bhala koppja mizzewwga. Tant kienet tiehu gost bil-liberta` li kienet akkwistat illi anke toqghod d-dar wahedha ghaliha kien pjacir u ma tantx kienet tiddejjaq b'din il-bicca. Wara erba' snin ta' zwieg hija kellha l-ewwel tarbija u kien hawnhekk illi hija bdiet thares lejn iz-zwieg u il-familja b'iktar serjeta`. Hija tghid illi f'dak il-mument hija kibret u immaturat mat-trapass taz-zmien u bl-esperjenza tat-tqala. Beda jaghtiha fastidju il-fatt illi r-ragel qatt ma kien ikun id-dar u li kien jidhol tard fil-ghaxija. Indunat illi huma qatt ma kellhom hin flimkien u ma kienux jikkomunikaw ma' xulxin. Hija kienet tqatta hafna hin id-dar tiehu hsieb it-tarbija minghajr l-ebda ghajnuna min-naha tieghu. Tghid illi l-problemi fil-familja taghha ukoll kibru ghaliex zewgha kellu xi ighid ma' hutha li kienu impjegati mieghu. Sussegwentement hija kienet saret taf li hafna mill-inkwiet kien gie ikkagunat mill-fatt illi huma saru jafu illi l-attur kellu relazzjoni ma' mara ohra u bdew jippruvaw jifthulha ghajnejha. Ghall-ewwel hija ma setatx taccetta dan il-fatt, izda wara hasset illi hutha xtaqulha il-gid u indunat illi kien hemm xi haga stramba fiz-zwieg taghha li hija naqset li tinduna biha mill-bidunett. Bdiet tircievi telefonati anonimi li bdew ighidulha illi zewgha kellu relazzjoni ma' terza persuna. Ghalhekk hija bdiet toqghod attenta w issegwi l-passi ta' zewgha u waslet biex sabet illi huwa kellu

relazzjoni mas-sensara li kienet tghinu meta kien dahal fin-negozju tal-bini. Beda jinsisti maghha illi nhar ta' Sibt johorgu maghhom u kienu anke siefru flimkien. Hawnhekk hija ikkonfermat dak li kienet qed tissuspetta. Hija tghid illi qabdithom jitbewsu u ikkonfermalha ukoll ir-ragel ta' din il-mara illi kien minnu illi zewgha u martu kellhom relazzjoni bejniethom.

Illi wara dan l-inkwiet il-konvenuta tghid illi kienet tkellmet ma' l-attur u haffritlu, spiccat din ir-relazzjoni extra-matrimonjali u huma baqghu flimkien. Tghid illi l-attur xorta wahda baqa' jkollu relazzjonijiet intimi ma' nisa ohra u ghalhekk fl-ahhar hija kienet iddecidiet li tibda bil-proceduri ghas-separazzjoni, ghaliex ghalkemm hija kellha il-liberta` taghha, min-naha l-ohra kellha familja u riedet tiehu hsiebha.

Illi l-konvenuta tkompli tixhed u tghid illi maz-zmien huma kellhom tifla ohra, izda f'dan il-perijodu z-zwieg taghhom kien diga hazin u hija hasset illi forsi b'din it-tarbija is-sitwazzjoni kienet ser taqleb ghall-ahjar. Izda dan kien kollu ghalxejn ghaliex l-attur beda jara kif ser jaghmel biex jehles minnha biex ikompli bir-relazzjonijiet tieghu extra-matrimonjali. Tghid illi huwa kien jibghatha *holidays* wahedha w igieghlha thalli t-tfal ghand ommha. Ghal bidu hija kienet verament fidila u kienet tahseb illi tant kien ihobbha u jinteressa ruhu fiha illi kien jahseb ghal gid taghha billi jibaghtha ghal vakanza. Qatt ma hasbet illi huwa kellu intenzjonijiet ohra.

Illi meta hija kull darba tipprova issalva iz-zwieg taghhom u kienet tibda takkuza lil zewgha li ma kienx fidil lejha, huwa kien jibda ighajjarha mignuna u ta' spiss il-glied taghhom kien isir vjolenti. Il-konvenuta tichad illi hija qatt ittraskurat lit-tfal anzi tghid illi hija dejjem ghexet ghalihom. Tghid illi hija ittraskurat lill-familja biss fil-perijodu illi missierha kien qieghed imut ghaliex f'dak iz-zmien hija kienet hasset illi ma setghetx thalli lil missierha imut minghajr ma tpattilu tal-mod kif kienet ittrattatu. Ghalhekk hija bdiet tiddedika l-gurnata ghalih u kient tqum u torqod l-isptar. Kien f'dan il-mument illi l-konvenuta iddispjaciha illi hija kienet irribellat kontra msisierha u li ma kienitx

semghet minn dak li qalilha biex ma tizzewwigx lill-attur. Tghid illi hija hasset dan ghaliex f'dan il-perijodu kien hemm diga inkwiet serju fiz-zwieg taghhom. Tghid illi zewgha kien sabha komda ghaliex filwaqt illi hija kienet toqghod isseftirlu w issajjarlu u tiehu hsieb il-familja huwa kien kompla ighix hajja ta' guvni. Tant kellha dwejjaq u ma setghet tiftah qalbha ma hadd lanqas mal-familja ghaliex ma kienitx taqbel maghhom illi hija bdiet tizfoga billi tberbaq il-flus. Kienet tixtri hafna hwejjeg, tilbishom darbtejn, imbaghad taghtihom ghal karita`. Tghid illi kienet saret kapriccuza ghaliex hasbet illi b'din il-manjera kienet ser tpattieha lil zewgha talli huwa kien qieghed jonfoq hafna flus fin-nisa li kellu.

Illi hija terga' tghid illi t-tfal dejjem hadet hsiebhom, kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur u meta huma isseparaw kien accetta illi l-kura u l-kustodja ta' l-ulied tghaddi f'idejha u ghalkemm il-kura u l-kustodja tat-tifla il-kbira giet fdata f'idejh, tghid illi hija dejjem baqghet tghix maghha. Dwar l-istudju, hija tghid illi uliehda qatt ma kienu juru interess fl-iskola u qatt ma wrew hegga biex javvanzaw fl-istudji taghhom.

Illi tghid illi lanqas ir-relazzjonijiet intimi ta' bejntiehom ma baqghu tajba u fil-fatt qabel is-separazzjoni li saret fl-1996, huma kienu ilhom jorqdu separati. Tghid illi kien f'dan il-mument meta rat li ma kien hemm xejn x'jorbothom fiz-zwieg taghhom, hlief it-tfal illi hija iddecidiet li l-ahjar soluzzjoni kienet is-separazzjoni.

## (B) IL-LIGI APPLIKABBLI GHALL-KAZ *DE QUO*

Illi l-attur qieghed jitlob illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi z-zwieg li gie iccelebrat bejnu u bejn il-konvenuta, null abbazi tad-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 19(1) (d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta).** Illi l-**Att Dwar iz-Zwieg** li kien gie introdott fil-legislazzjoni taghna fl-1975 kien gie sussegwentement emendat fl-1981 biex b'hekk l-**artikolu 19** ta' l-istess Att ha il-bixra li ghandu illum. Illi ta' min wiehed jirrileva illi fil-promulgazzjoni originali ta' l-istess ligi id-disposizzjonijiet iccitati mill-attur ghad-dikjarazzjoni ta' nullita taz-zwieg

tieghu ma kienux jezistu. Iz-zwieg ta‘ bejn il-kontendenti gie ccelebrat fit-22 ta’ Jannar 1978. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina jekk iz-zwieg tal-kontendenti jistax jigi dikjarat null *ab initio* abbazi ta’ disposizzjoni ta’ ligi li ma kienitx tezisti fiz-zmien meta iz-zwieg taghhom gie ccelebrat.

Illi l-evoluzzjoni tal-ligi li tirregola z-zwieg civili kienet wahda ikkaratterizzata b’tibdil kontinwu w interferenzi bir-rispett kollu mill-ligi li tirregola ir-religjon nisranija predominanti fil-gzejjer Maltin u cioe` id-dritt kanoniku, f’liema religjon il-maggior parti taz-zwigijiet Maltin kienu jigu u ghadhom jigu ccelebrati.

Illi qabel il-promulgazzjoni ta’ l-att dwar iz-Zwieg ta’ l-1975, wiehed jista’ jghid illi ma kien hawn l-ebda regolament dwar l-istituzzjoni taz-zwieg taht il-ligi civili. Din is-sistema kienet tirregola l-effetti taz-zwieg (kif kontemplati fil-**Kodici Civili**), pero` ma kienx hawn regoli tad-dritt civili illi jirregolaw il-kostituzzjoni validu taz-zwieg fil-forma civili tieghu u dwar id-dikjarazzjoni ta’ nullita taz-zwigijiet. Iz-zwieg ghalhekk kien jigi ccelebrat *in linea* mar-riti preskritti mir-religjon tal-partijiet. Peress illi fil-maggior parti tal-kazijiet iz-zwigijiet Maltin kienu jigu ccelebrati skond ir-rit Kattoliku, allura d-dritt kanoniku kien japplika ghal dawn it-tip ta’ zwigijiet bhala il-ligi Maltija fuq iz-zwigijiet.

Illi fl-1975, imbaghad beda l-ewwel tibdil. Il-legislatur hass il-bzonn illi iz-zwieg jigi regolat mhux biss mir-religjon illi fih ikun gie ccelebrat izda ukoll permezz ta’ regoli ta’ dritt civili. Ir-rekwiziti ghal zwieg validu gew allura trasferiti fl-ghalqa purament ta’ dritt civili. L-**artikolu 2(2) tal-Kapitolu 255** jippreskrivi: “*Hlief kif provdut xort’ohra, id-disposizzjonijiet kollha ta’ dan l-Att ghandhom japplikaw ghaz-zwigijiet kollha sew jekk isiru f’forma civili sew jekk isiru f’forma religjuza.”* L-applikazzjoni tad-dritt kanoniku allura giet espressament eskluza bil-ligi ta’ l-1975 u specifikatament bl-**artikolu 23** (qabel l-emendi ta’ l-Att 1 ta’ l-1995). B’din id-disposizzjoni il-gurisdizzjoni kollha fuq kawzi dwar iz-zwigijiet giet gustament tappartjeni lill-qarti Maltin.

Illi mal-promulgazzjoni ta’ l-att ta’ l-1975 ghalhekk kienet inhasset in-necessita` mill-legislatur illi jaqta’ linja bejn l-applikazzjoni tal-ligi religjuza personali tal-partijiet li allura fil-maggior parti kienet il-ligi kanonika w il-ligi il-gdida promulgata mill-Parlament. Kien ghalhekk illi kienet giet introdotta id-disposizzjoni transitorja u cioe` l-**artikolu 24(2) ta’ l-att ta’ l-1975** li jghid testwalment: *“Ebda haga f’dan l-att ma ghandha tolqot il-validita` ta’ zwieg li kien validu meta sar.”* Dan jixhduh id-diskussjonijiet fuq din id-disposizzjoni mid-*debates* tal-Kamra tar-Rappresentanti. Dan il-provvediment ghalhekk ghandu certu valur storiku iktar minn legislattiv fis-sens illi huwa xhieda tal-ligijiet applikabbli ghal kawzi tan-nullita` taz-zwigijiet mal-medda taz-zmien u cioe` bhala direzzjoni ghall-ligi applikabbli qabel l-1975 u dik wara. Wara l-emendi ta’ l-1981, il-legislatur halla fl-istess post din id-disposizzjoni. Giet imhollija hemm hekk ghal raguni wahda u cioe` sabiex tirregola dawk iz-zwigijiet li gew iccelebrati qabel l-1975. Altrimenti ma jaghmilx sens kif qabel l-1975 u cioe` meta kienet applikabbli il-ligi kanonika il-*capita nullitatis* kienu daqshekk wiesgha, imbaghad gew ristretti b’dan il-mod bil-promulgazzjoni ta’ l-**Att ta’ l-1975**.

Illi l-punt krucjali huwa illi kawzi fejn qieghed jintalab in-nullita ta’ zwieg jitrattaw principalment il-vizzji tal-kunsens. Jigifieri l-Qorti ghandha tinvestiga jekk zwieg li jidher li huwa validu huwiex verament zwieg minhabba difett fil-kunsens. Il-kunsens huwa l-essenza taz-zwieg u huwa rikjest mill-istess natura taz-zwieg. Dan huwa att uman u individwali fejn mara u ragel jaghtu u jircievu reciprokament lil xulxin sabiex iwaqqfu komunjoni ta’ hajja flimkien. Dan l-att ta’ kunsens jista’ jigi vvizzjat minn diversi difetti li jistghu jaffettwaw il-fakoltajiet intellettivi u volattivi. Il-konsegwenza unika u manifesta hija li d-difetti tal-kunsens qatt ma jistghu jigu marbuta jew delineati mill-effetti tal-ligi fiz-zmien bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 36 ta’ l-Att ta’ l-1975** kif sussegwentement emendat. Fuq kollox fil-mument tal-kunsens kull parti trid necessarjament ikollha l-abbilita` li taghmel decizjoni konxja, hielsa u mahsuba rigward iz-zwieg. Jekk dik l-abbilita` hija nieqsa jew difettuza, allura dak iz-zwieg huwa null

irrispettivament liema ligi hija applikabbli f'dak il-mument. Il-kunsens ghalhekk ma jista' qatt ikun marbut mal-ligi pozittiva u dan peress illi l-kunsens huwa l-essenza taz-zwieg innifsu u ma jista' qatt jigi limitat bl-effett tal-ligi fiz-zmien.

Illi kif tajjeb irriflettiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 1999 fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Gorg Spiteri"**:

*"Ir-riflessjoni principali hija illi f'materja tant sensittiva u delikata fejn hemm involut il-validita' o meno taz-zwieg – il-fundament tal-familja fis-socjeta Maltija u ghalhekk il-pilastru ewlieni ta' din is-socjeta` u kwindi materja ta' ordni pubblika f'anqas minn 25 sena tbiddlet il-ligi f'din il-materja erba' darbiet."*

Illi ghalhekk il-Qorti abbazi ta' konsiderazzjonijiet ta' Ordni Pubblika iddecidiet:-

*"illi l-emendi ta' l-1981 ghandhom japplikaw retroattivament anke ghaz-zwigijiet celebrati bejn l-1975 u l-1981. Interpretazzjoni ohra tfisser konfuzjoni, incertezza u inkoerenza f'materja li ghandha invece tkun ordnata u regolata b'koncetti simili jekk mhux identici tul iz-zminijiet."*

Illi inoltre kif gie sottomess fl-istess sentenza il-qrati taghna inkluz l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell f'diversi sentenzi applikaw il-ligi taz-Zwieg bl-emendi ta' l-1981 ghal zwigijiet iccelebrati bejn l-1975 u l-1981. (ara **"Paul Pace vs Mary Pace"** – P.A. 5 t'Ottubru 1992; **"Emanuel Cassar vs Mary Grace Cassar"** – A.C. 8 ta' Marzu 1995 u **"Victoria Spiteri vs Anthony Spiteri"** – A.C. 14 ta' Dicembru 1994 fost ohrajn).

Illi l-Qorti taqbel mal-Perit Legali li ghandha timxi fuq l-istess binarju tad-decizjonijiet fuq citati u ghalhekk sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti konjugi Sammut fit-22 ta' Jannar 1978 fid-dawl tad-disposizzjonijiet ta' l-**Att ta' l-1975** bl-emendi kif introdotti fl-1981.

## (c) <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-Qorti sejra tghaddi l-ewwel biex tezamina jekk iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti huwiex null abbazi tad-disposizzjoni ta' l-**artikolu 19 (1)(d) tal-Kapitolu 255** li hija wahda mill-*capita nullitatis* li qed jibbaza it-talba tieghu fuqha l-attur. Dan l-artikolu ighid testwalment illi zwieg huwa null:

*"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenjzali taz-zwieg."*

Illi minn gurisprudenza kostanti jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa kuntratt *sui generis* u ta' ordni pubblika. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss iridu jkollhom il-kapacita` li jaghtu il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi ir-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu iz-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu:

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita intelletuale e volitiva al di sopra di ogni contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi, una integrita di mente e di liberta` dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita.*" (***Forum*** 1990.Vol i. Part 1, page 72).

Illi l-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrikjediex maturita shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi iz-zwieg, izda <u>konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghal obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-present kif ukoll fil-futur</u>. Inoltre il-partijiet irid ikollhom dik

il-maturita` affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u is-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 fejn gie studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. Fil-fatt fi kwotazzjoni twila tal-***Pompedda*** il-Qorti sostniet:

"*In ogni caso i nubenti debbono avere concoscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa coniugale sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della prole."*

Illi l-istess sentenza tikwota xi jghid il-***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

"*La discrezione di giudizio comprende la maturita di giudizio e la maturita affettiva … La maturita di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, dell'emottivita' che se sono turbati o inadeguati intaccanno direttamente la volonta e possono privare della libera scelta interiore … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.*"

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Janet Portelli vs Victor Portelli**" (deciza fl-14 ta' Awissu 1995), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili osservat is-segwenti:

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will freedom (autonomia) from all force from within."*

Illi s-**sub-inciz (1) (d)** jaghti bazi ohra ghan-nullita taz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens. L-anomalija psikologika trid tkun wahda serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif gie ritenut fis-sentenza hawn fuq iccitata:

*"Inkapacita jew impossibilita vera f'dan il-kuntest hija ipotizabbli biss fil-presenza ta' anomalija psikologika serja li indipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp psikjatriku jew ta' psikologija tintakka sostanzjalment il-kapacita 'di intendere e/o di volere'."*

Illi finalment ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewwga u cioe` l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni w it-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita` kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk ikkreat ma jistax ikun wiehed validu.

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett tad-difett ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga w id-dmirijiet essenzjali taghha, il-Qorti thoss li tista' taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuta ssubbiet abbuz kemm fiziku kif ukoll mentali minn missierha li kellu dixxiplina esegarata fil-konfront taghha u li kien juza' mezzi anke vjolenti w aggressivi biex jezercita` din id-dixxiplina fuqha. Inoltre huwa ma kienx juri apprezzament lejha bhala persuna u dahhal fiha sens ta' negattivita' in vista tal-fatt illi kull ma kien jigri hazin kien iwahhal fiha anke meta dan ma kienx jigri b'tort taghha. Il-konvenuta kienet tghix kwazi qisha priguniera fid-dar tal-genituri taghha fis-sens illi missierha lanqas biss kien ihalliha tohrog u tiltaqa' man-nies hlief biex tmur ghax-xoghol u kien jikkontrollaha b'mod esagerat. It-trobbija taghha ghalhekk ma kienitx wahda normali u dan certament affettwalha l-izvilupp taghha kemm fiziku kif ukoll mentali.

Illi l-konvenuta trabbiet f'ambjent ta' vjolenza fejn hija kienet x'aktarx tara anke lil missierha jezercita vjolenza fuq ommha. Dan qieghed jinghad ghaliex huwa l-attur biss illi jixhed dwar dan l-aspett vjolenti fuq l-omm. Ukoll mix-xhieda tieghu u anke ta' Maria Galea jirrizulta illi l-konvenuta trabbiet f'ambjent fejn hija kellha nuqqas ta' affett familjari. Missierha kien jassoggettaha ghal mezzi dixxipplinari degredanti w umiljanti bhal per ezempju li kien igieghla toqghod hin twil gharkubtejha fil-gallarija minghajr ma ticcaqlaq, certament bi tbatija kbira ghaliha. Hija ma kienitx tissoccjalizza man-nies u kienet dejjem tohrog fid-dell ta' missierha anke meta hija bdiet tohrog ma' l-attur. Missierha kien jissoffokalha l-ezistenza taghha u hija ma kellha liberta` ta' xejn. Missierha inoltre kien kontinwament jikkritikaha w icanfarha.

Illi dan zgur affetwa lill-konvenuta b'mod negattiv mentalment u dan peress illi mhux biss hija ma kienitx tiltaqa' man-nies, izda missierha kien dejjem igieghlha temmen illi hija ma kienet kapaci taghmel xejn tant illi huwa kien il-hin kollu jikkritikaha. Jidher ghalhekk illi il-missier kellu dominanza u pussess assolut fuqha. Ghaliha

ghalhekk iz-zwieg kien mezz biex tahrab minn dan kollu u takkwista il-liberta`, ghejxien decenti u normali.

Illi madankollu trobbija bhal din certament thalli effetti negattivi psikologikament u certament li ma tista' tinghata ebda konkluzjoni ohra abbazi ta' dak premess. It-trobbija huwa l-iktar zmien importanti fil-hajja tal-bniedem fejn huwa jiehu il-formazzjoni tieghu bhala persuna. Hafna drabi t-trobbija ta' l-ulied tirrifletti ruhha fil-personalita taghhom meta huma jadulti. Ghalkemm il-konvenuta tichad illi hija ma kienitx kapaci terfa ir-responsabbiltajiet tal-hajja tal-familja u tichad illi hija ma kienitx kapaci tiehu hsieb lil uliedha, madankollu f'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-Perit Legali u thoss illi hija iktar propensa temmen lill-attur f'certi aspetti anke peress illi dan huwa rifless f'certi estratti mix-xhieda tal-konvenuta stess.

Illi l-konvenuta tghid li ghall-ewwel ftit snin taz-zwieg hija lanqas kienet taf dak li kien rikjest minnha u hasbet illi kemm hi kif ukoll zewgha setghu jibqghu ighixu hajja ta' zghazagh. Hija twahhal fl-infedelta` ta' zewgha li wassal ghat-tifrik taz-zwieg, pero` jidher illi zwieg qatt ma kien hemm bejn il-koppja fis-sens illi huma lanqas kienu jitkellmu bejniethom u mix-xhied irrizulta illi mhabba u rispett lejn xulxin ma kienx hemm. Il-konvenuta dehrilha illi kellha tpattieha lil zewgha ta' dak li allegatement kien qieghed jaghmel maghha billi tonfoq u tberbaq il-flus minghajr razan fuqha innifisha, imbaghad lanqas taghmel uzu minn dak li tkun akkwistat u taghtihom karita. L-attur ighid ukoll illi lil uliedhom, li huma zewgt ibniet, hija bdiet tlibbishom ta' kbar, thallihom jizbghu xagharhom u jaghmlu il-*make-up* sa minn mindu kienu ghadhom zghar. L-iskola lanqas biss segwiethom u r-raguni illi hija taghti hija illi t-tfal qatt ma wrew interess fl-istess. Raguni certament mhux valida 'il ghala genitur ma ghandux isegwi lil uliedu fl-iskola w it-taghlim. Minn dan kollu jidher illi l-konvenuta donnha riedet tizvoga ghan-nuqqasijiet illi hija sofriet meta kienet zghira. Anke fil-komportament taghha fit-trobbija ta' wliedha jidher rifless it-trobbija difficli taghha. Il-konvenuta stess tghid illi:

*“Naf fic-cert li fil-mument tat-tieg jiena hassejtni ferhana ghaliex fl-ahhar ghalija akkwistajt il-liberta` tieghi. Dan kien ifisser ghalija z-zwieg.”*

Illi l-attur jallega illi l-konevnuta ma kienitx tiehu hsieb il-familja u bil-kemm kienet tipprepara ikel ghalihom ghaliex kien iktar mohha biex tohrog, donnha qisha rabbiet il-gwienah.

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, l-konvenuta kienet qieghda tbati mid-difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga w id-dmirijiet essenzjali taghha tant illi hija kellha il-maturita affettiva u l-maturita tal-gudizzju rikjesti menomati minhabba it-trobbija difficli li kellha kif ukoll minhabba il-hajja ta’ abbuzi li kienet ghexet fiha. Ghaldaqastant hija ma setatx taghti dak il-kunsens ghal *consortium totius vitae* li hu z-zwieg. Dan in-nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju huwa evidenti kemm mir-raguni ghala hija ipprecipitat ghaz-zwieg, kif ukoll mill-hajja matrimonjali li segwiet fejn jidher illi l-idea li kellha taz-zwieg kienet liberta`. Illi ghalhekk jidher illi fil-konvenuta kien hemm karenza serja kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali naxxenti mid-diffikultajiet kemm fizici kif ukoll psikologici li hija kellha tifaccja sa minn mindu kienet zghira.

Illi l-attur qieghed ukoll jibbaza it-talba tieghu ghan-nullita taz-zwieg fuq id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255** u cioe` is-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali. Din id-disposizzjoni tal-ligi tiddisponi illi zwieg ikun null ukoll:

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.”*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta’ kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista’ ighid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-

partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur **F.Anzar Gil** fil-ktieb tieghu: *“**El Nuevo derecho matrimonial canonico**”* jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali:

*“Nel senso guridico ampio viene chiamato consenso l’incontro di diverse volonta in ordine allo stess obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo’ essere descritto come l’incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.”*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b’xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta’ persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta’ l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma ikunx jaqbel ma’ dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

“*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta’ di celebrarlo, mentre in realta’ nell’interno della sua vovlonta’ non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e’ necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell’interno della volonta’.”* (***J.F. Castano*** **– Il Sacramento del Matrimonio).**

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi iz-zwieg fit-totalita’ tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi il-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u

trobbija ta’ l-ulied, jew l-eskluzjoni ta’ l-obbligu tal-fedelta’ lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga il-validita’ *o meno* tal-kusnens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta’ tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi nvestigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta ghaz-zwieg, izda jrid bil-fors ikun hemm l-eskluzzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha il-volonta’ w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista’ jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

“*L’atto posittivo della volonta’ non si idenitfica con l’intenzione espressa o esplicita, ma l’atto della volonta’ puo’ essere positivo ad essere manifestato implicitamente. L’atto positivo puo’ essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediante l’insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta’, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi.*” (***O.Giacchi*** **– Il consenso matrimoniale canonico**).

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett tas-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali, il-Qorti thoss illi abbazi tal-provi prodotti hemm in-nullita’ taz-zwieg bejn il-kontendenti subordintament taht dan l-artikolu tal-ligi ukoll u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi certament ghal konvenuta z-zwieg kien biss forma ta’ harba mir-realtajiet li hija kienet qed tiffacja. Id-dixxiplina esagerata w is-sikkatura li kellha f’idejn missierha kif ukoll abbuzi ohra kemm fizici fl-episodji ta’ vjolenza li kien ikun hemm bejnha u bejn missierha fejn anke f’okkazzjoni partikolari kienet sfat midruba, kif ukoll l-abbuz morali u mentali illi hija kienet spiccat kwazi habsija fid-dar tal-genituri taghha fejn missierha kien jikkmandalha hajjitha u

bil-kemm kien ihallieha tohrog mid-dar, wasslu biex issoffokawlha l-ezistenza taghha. Hija riedet tahrab a kwalunkwe kost minn din ix-xibka li kienet tghix fiha.

Illi ghaliha l-uniku mod li setghet taghmel dan kien permezz taz-zwieg. Iz-zwieg ghaliha kien biss arma biex hija tehles mill-hajja miserabbli li kellha taht idejn missierha. L-attur kien l-uniku guvni illi hija kienet harget mieghu u dan peress illi missierha ma kien ihallieha tiltaqa' ma hadd inqas u inqas mal-persuni tas-sess oppost. Fil-fatt hija tghid illi missierha kien oggezzjona bil-qawwa illi hija tiffrekwenta dan il-guvni u anke li tizzewwgu tant illi ftit wara z-zwieg huwa tah *stroke* u spicca l-isptar. Matul il-perijodu illi l-kontendenti kienu johorgu flimkien jidher illi huma ma tantx kellhom hin biex isiru jafu lil xulxin sew. Il-perijodu ta' l-eghrusija kien wiehed qasir hafna u dan peress illi l-konvenuta kellha genn biex tfittex tizzewweg biex b'hekk tkun tista' titlaq mid-dar. L-attur min-naha tieghu taha daqqa ta' id biex taghmel dan u b'hekk wara madwar sena u nofs li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin, il-kontendenti zzewwgu. Il-konvenuta kienet sahansitra telqghet minn dar missierha ftit qabel ghaliex ma felhietx tkompli tghix hemmhekk u marret tghix ghand oht l-attur, izda wara konvinciment min-naha ta' l-Arcipriet ta' Bormla hija marret lura d-dar.

Illi mix-xhieda ma jirrizultax illi l-kontendenti ppreparaw rwiehom ghall-hajja mizzewwga u jidher illi huma lanqas biss tkellmu fuq il-futur taghhom flimkien u dan peress illi ghal konvenuta l-uniku haga li kienet tara fiz-zwieg ma kienx illi hija tibni unjoni permanenti ma' l-attur u tibni familja mieghu, izda kien biss il-mod kif hija kienet ser tahrab mill-passat taghha taht il-frosta ta' missierha.

Illi l-attur kellu diga proprjeta tieghu u ghalhekk id-dar kienet lesta, kull ma kellha taghmel kien li tiehu hsieb il-preparamenti ghat-tieg li fil-fatt ghamlet f'qasir zmien u hallas ghalihom l-attur. Il-konvenuta tghid:

*"Jiena ghalija z-zwieg kien mezz li bih stajt nahrab mill-hajja tad-dar fejn kont nghix … Kien biss jirrapprezenta l-armi li kelli bzonn sabiex nisfida lil missieri u nahrab ghal*

*kollox minn dik id-dixxiplina li ma stajtx nittolera u nibda nghix hajti."*

Illi hija tghid illi l-attur kien ghaliha l-ewwel guvni illi iltaqghet mieghu ghaliex missierha ma kienx ihalliha tissocjalizza, u ghalhekk hija hatfet din l-opportunita ghaliex bezghet illi ma kienitx ser issib opportunita ohra bhal din.

Illi dan kollu wassal biex iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti qatt ma waqaf fuq saqajh. Fil-fatt il-konvenuta tghid illi l-ewwel ftit snin tal-hajja mizzewwga huma kienu ghexuhom qishom zewg zghazagh iktar milli bhala koppja mizzewwga. L-attur kien johrog wahdu u hija ukoll kienet tqatta' l-hin taghha wahedha ghal rasha. Kienet kuntenta b'din il-forma ta' hajja ghaliex fl-ahhar kienet akkwistat il-liberta` illi hija qatt ma kellha. Kien biss bil-migja tat-tfal illi ndunat illi bejnha u bejn zewgha ma kienx hemm dik ir-rabta taz-zwieg u dan ghaliex irrealizzat illi bejniethom ma kien hemm xejn li jorbothom. Komunikazzjoni bejniethom ma kienx hemm u jidher illi bhala koppja ma tantx kellhom hajja flimkien. L-attur ighid:

*"ma kien hemm ebda djalogu, rispett jew companionship. Il-hajja mizzewwga taghna kienet mimlija kunflitt."*

Illi fuq il-hajja mizzewwga tal-koppja pero` jidher illi hemm kunflitt fil-provi ghaliex filwaqt illi l-konvenuta takkuza lill-attur illi huwa kien jaqlibilha sa mill-bidunett taz-zwieg taghhom, l-attur jichad dan anzi ighid illi martu kienet suspettuza zzejjed u kienet tohnoqlu hajjtu bl-ghira kontinwa u l-egoizmu taghha.

Illi jidher madankollu illi hajja mizzewwga bejn il-koppja qatt ma kien hemm u dan mill-bidunett taz-zwieg. Il-hajja taghhom kienet kif ighid l-attur ikkaraterizzata b'kunflitti kontinwi u dan ghaliex ma kienx hemm pedamenti soda li setghu ighaqqduhom. Dan gara peress illi l-kontendenti bdew il-hajja mizzewwga fuq premessi hziena u dan ghaliex huma ma dahlux ghal hajja mizzewwga ghaliex verament riedu jizzewwgu lil xulxin u ghaliex kienu jhobbu u jirrispettaw lil xuxlin izda biss biex isibu soluzzjoni ghal

konvenuta ghal hajja degradanti u miserabbli karatterizzata bil-vjolenza illi hija kienet tghix taht idejn missierha.

Illi dan qieghed jinghad ukoll ghall-attur ghaliex mill-provi jirrizulta illi huwa ghen il-konvenuta biex tahrab minn taht idejn missierha iktar ghaliex henn ghaliha u anke bhala sfida lejn missierha milli ghaliex verament kien ihobbha u ried jizzewwigha, tant illi milli jidher wara z-zwieg intefa b'ruhu u b'gismu ghax-xoghol u kien iqatta' iktar hin barra mid-dar, forsi biex jahrab ir-realta` li kien qieghed ighix fiha, milli mal-familja tieghu u ma' martu. Huwa ighid:

*"Jiena thassartha minhabba c-cirkostanzi li nstabet fihom izda ma ndunajtx li anke hi kienet ta' karattru abbusiv."*

Illi l-konvenuta ukoll tghid: *"r-ragel tieghi qatt ma wera xi entuzjazmu kbir biex nizzewwgu, izda kienet ittenta ighini sabiex nohrog mill-habs li kont ninsab fih … Dan iz-zwieg kien kollu qisu sfida kontra missieri."*

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-brava perit legali illi fil-mument tal-ghotja tal-kunsens matrimonjali, kemm l-attur u iktar u iktar il-konvenuta issimulaw il-kunsens matrimonjali fit-totalita` tieghu billi huma kienu qeghdin jeskludu z-zwieg bl-obbligi u l-impenji tieghu u kienu qeghdin jidhru li qed jaghtu dan il-kunsens lil xulxin ghaliex fl-ahhar mill-ahhar, l-iskop ahhari taghhom kien, illi l-konvenuta tahrab minn missierha u l-abbuzi kollha illi hija kienet sa dik il-gurnata ghexet fihom. Dan kien pjan maghmul mit-tnejn li huma u dan ghaliex l-attur accetta li jghin lill-konvenuta peress illi kif qal huwa stess henn ghaliha.

Illi din is-simulazzjoni totali madankollu hija strettament marbuta u subordinta ghal *caput nullitatis* diga diskuss iktar 'il fuq u imnissla mill-istess.

**<u>(D) KONKLUZZJONIJIET TAL-PERIT LEGALI</u>**

Illi l-Perit Legali ikkonkludiet b'dan il-mod:

*“Ghalhekk mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta illi l-ewwel talba attrici kif ukoll l-eccezzjoni tal-konvenuta in parte biss jistghu jigu milqugha u dan ai termini ta’ l-* ***artikolu 19 (1) (d) u (f) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg ta’ l-1975*** *kif emendat fl-1981 u dan b’tortijiet ghalhekk imputabbli primarjament lill-konvenuta u subordintament lill-attur ukoll”.*

*“Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici ghandu jinghad illi ma tressqux provi sufficjenti min-naha attrici in sostenn tat-talba tieghu u l-Qorti certament tehtieg ezami iktar approfondiet fuq il-materja jekk mhux addirritura gudizzju separat, stante illi l-uniku talba prevista mill-ligi f’azzjoni ghan-nullita ta’ zwieg hija dik ghal manteniment kif dispost fl-* ***artikolu 20 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta****.”*

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu biss dawn huma b’xi mod inkompatibbli ma dak hawn deciz, tichad it-tieni talba attrici peress li ma ngabu ebda provi dwar l-istess u wkoll din ghandha tkun il-mertu ta’ gudizzju separat mhux fl-optika ta’ kawza dwar annullament taz-zwieg, u **tilqa’ l-ewwel talba attrici** b’dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi, li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-22 ta’ Jannar 1978 huwa null u bla effett u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** u tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-Zwieg.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs fejn il-partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------